MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2014

Numru. 60/2014

**PULIZIJA**
**SPETTUR SPIRIDIONE ZAMMIT**

**VS**

**LESLIE PACE**
**DAVE DELIA**
**AXEL ZAMMIT**
**PAUL MUSCAT**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Lesli Pace, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 539093 (M); l-imsemmi Dave Delia, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 420994 (M); l-imsemmi Paul Muscat, detentur tal-

Karta tal-Identita` numru 100096 (M) u l-imsemmi Axel Zammit, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 428397 (M).

**Akkuzati talli:**

Fit-13 ta` Jannar, 2014, ghal habta ta` nofsinhar nieqes kwart ta` filghodu (11:45am), gewwa Triq Kordin, Rahal Gdid u/jew f'dawn il-gzejjer minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqiedghu l-hajja ta` haddiehor f'periklu  car, ikkagunaw lil Ryan Vella minn Haz-Zabbar ferita ta` natura gravi, liema ferita gabet mankament jew sfregju fil-wicc tal-offiz, fuq il-persuna ta` Ryan skont ma ccertifika t-tabib Dr. Kenneth Muscat 9reg. 3044) mill-isptar Mater Dei.
Ukoll talli fl-istess cirkustanzi b'xi mod iehor mhux imsemmi band'ohra fil-Kodici Kriminali, kisru volontarjament il-*buon ordni* jew il-kwiet pubbliku.

Ukoll talli fl-istess cirkustanzi hebbew ghal Ryan Vella minn Haz-Zabbar sabiex jingurjawh, idejjquh jew jaghmlulu hsara.

Ukoll talli fl-istess cirkustanzi ghamlu lil Ryan Vella minn Haz-Zabbar, ingurji jew theddid mhux imsemmi band'ohra fil-Kodici Kriminali.

Il-Qorti giet gentilment mitluba biex tapplika l-Artikolu 412 (c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta` ta` Ryan Vella minn Haz-Zabbar.

Il-Qorti giet gentilment mitluba wkoll sabiex f'kaz ta` htija tipprovdi ghas-sigurta` ta` Ryan Vella minn Haz-Zabbar u tapplika l-provvedimenti ta` Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhieda mressqa u l-provi prodotta;

Rat il-Fedina Penali tal-imsemmija imputati f'dan il-kaz;

Wara li rat l-Artikoli 214, 215, 216.1 (a) i) (b) (d), 338 (dd), 339 (d) (e), 383, 384, 385 u 412 (c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Wara li hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni tal-imputati u wara li semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Dina l-Qorti ikkunsidrat illi l-ammissjoni volontarja u kkundizzjonata tal-imputati ghall-imputazzjonijiet lilhom addebitati mill-Prosekuzzjoni ma jhallu ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li ssib lill-imputati hatja tal-akkuzi li lilhom gew addebitati.
Fir-rigward tal-piena, dina l-Qorti wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, u partikolarment l-*iter* tar-reat jew fi kliem iehor kif gara dan ir-reat, tikkummenta li hemm storja wara dan ir-reat mhux kif gie transmess mill-*Media* Lokali ma kienetx kwistjoni ta` xebgha u dawshekk.

Il-Qorti wara li rat il-fedina penali tal-imputati, li hija wahda netta hlief ghal Dave Delia illi kellu originarjament *conditional discharge*, wara li hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputati kif ukoll il-ko-operazzjoni taghhom mal-awtoritajiet investigattivi fis-sens illi l-maggoranza taghhom taw ruhhom f'idejn il-pulizija volontarjament u kollha kemm huma kkoperaw ruhom mal-pulizija fl-istqarrijiet taghhom, illi gew esibiti mill-Prosekuzzjoni, wara li l-Qorti giet rassigurata mill-Prosekuzzjoni li l-feriti sostnuti minn Ryan Vella m'humiex ta`  natura permanenti izda li hemm rimedju mediku ghalihom, dina l-Qorti tillibera lill-imputati bil-kundizzjoni li

ma jikkommettux reat iehor ghal zmien ta` tliet (3) snin mil-llum izda tqeghdom taht ordni ta` *probation* ghal dan l-istess perjodu ai termini tal-Artikolu 7 (1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta. *Per di piu` a tenur* tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta qiedgha tipprojbixxi lill-imputati li bl-ebda mod u cirkostanzi ma jikkuntattjaw, *sia* b’mod telefoniku, bil-kompjuter, bil-kitba jew anki verbalment, lil Ryan Vella u dana taht penali ta` hames mitt Ewro (€500) kull wiehed fin-nuqqas.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------